# BUM BUM Il-bieb Ġie l-Ambaxxatore

minn Anton Mifsud

Kemm jinbidlu ż-żminijiet! Minn wara l-gwerra 'l hawn kemm rajna tibdil f'ħajjitna! Il-progress għalkemm ġabilna ħajja aħjar u aktar komda, ħolqilna wkoll ħafna problemi fil-mentalità u aktar fl-ambejnt.

Iż-żgħażagħ tal-lum kibru malajr wisq; tista' tgħid li t-tfulija tagħhom anqas biss għaddew minnha, l-aktar fejn jidħol il-ħin liberu - l-mogħdija taż-żmien. Billi l-logħob kien l-aktar li jsir barra, dan ma kienx jiswa flus u terġa' f'dawk iż-żminijiet il-karozzi kienu rari, għalhekk it-toroq fejn konna nilagħbu kienu ħielsa mit-traffiku li hawn illum. Terġa', periklu ftit kien ikollna meta konna niddominaw it-toroq u l-beraħ tal-kampanja, l-aktar meta kien ikollna xi btala mill-iskola.

Kien hawn ħafna tipi ta' logħob tant li xi ftit minnhom għadek tara t-tfal jgħaddu ftit taż-żmien jilgħabuhom sal-lum, bħal per eżempju, Noli, logħob bil-Boċċi - dak iż-żmien l-aktar li kien jintuża kien il-ġellewż, il-Passju u fis sajf ħdejn il-baħar għadek tara tfal jilagħbu Ċama Ċama, waqt li jaqbżu fil-baħar, jew Ħobża w Sardina joqogħdu jaraw iċ-ċagħqa ta' min taqbeż, tiżgiċċa l-aktar fuq wiċċ l-ilma qabel tegħreq. Anke xi logħob ta' tfal żgħar għadek tara meta tkun qrib xi *playing field* bħal: Dawra Durella li tintlagħab ħafna wkoll fl-iskejjel tan-Nuna jew Pizzi Pizzi Ganna. Fi tfuliti kellna logħob li llum kważi ntesa għal kollox. Jien se nipprova nagħti xi ftit tagħrif fuq xi wħud minnhom:


Il-Passju

## Il-Ballun

L-aktar logħob popolari fost it-tfal subien kien bil-ballun. Meta konna naslu d-dar mill-iskola u f'dak iż-żmien konna nispiċċaw fl-erbgħa ta' waranofsinhar, l-anqas sabar ma kien ikollna li nlestu l-h*omework* għax ċorma tfal konna nintasbu fit-triq u l-kelma kienet tkun ngħaqqdu partita.


Logħob bil-boċċi

Ninqasmu f'żewġ gruppi u tibda l-logħba, frattarija sħiħa u għajjat l-aktar meta jsir xi gowl. Għall-bidu l-ballun kien ikun taċ-ċaruta, imma wara bdew ġejjin il-blalen tal-kamoxxa jew tat-*tennis*. Mhux l-ewwel darba li kienu jgħidulna li jkun ġej pulizija, arana lkoll naħarbu niġru.

## Gwerra Franċiża

Għal din il-logħba konna ninqassmu f'żewġ gruppi, wieħed faċċata tal-ieħor xi għoxrin metru bogħod minn xulxin. Kull grupp kien



Melitensia

jipprepara t-territorju tiegħu bil-ġebel, ġebla oħra kienet titpoġġa daqs pass 'il bogħod fuq naħa minnhom fejn kienu jinżammu l-priġunieri; xi tifel kien joħroġ mit-terriroju tiegħu għan-nofs kien jinbex lill-grupp oppost li kien jibgħat tifel ieħor forsi jmiss li dak li jkun fin-nofs. Jekk dak li jkun ħareġ l-aħħar imiss lil xi tifel tal-grupp oppost, dak jinqabad priġunier. Hekk il-logħba tkompli u l-priġunieri jiżdiedu fuq iż-żewġ naħat. Il-logħba kienet tippermetti li jistgħu jiġu salvati l-priġunieri. Il-logħba tista' tintrebaħ ukoll jekk tifel li jkun ħafif u jiġri ħafna jirnexxilu jidħol fit-territorju oppost mingħajr ħadd ma jmissu.


Dawra Durella

## Qbiż tal-Ħabel

It-tfal bniet l-aktar li kienu jehdew f'dan il-logħob tal-qbiż tal-ħabel. B'ħabel ftit twil, li jkun miżmum minn żewġt ibniet, waħda taqbad tarf u l-oħra t-tarf l-ieħor. Dawn jibdew idawru l-ħabel u tifla oħra tidħol f'nofshom tipprova taqbeż il-ħabel meta jkun għaddej minn taħtha, ftit 'il fuq mill-art. Il-qbiż tal-ħabel kien isir ukoll minn persuna weħidha. Billi taqbad tarf tal-ħabel f'kull id u tibda ddawru, tgħaddih minn fuq rasha u wara taqbżu meta jkun għaddej minn taħt saqajha. Dan il-qbiż kien idum ħafna minuti sakemm dawk li jkunu jaqbżu jiddeċiedu li jieqfu.

## Il-Piżallu jew Bżallu

Dan kien jintlagħab b'ħames ġebliet żgħar, ċagħqiet jew ġellewżiet fi żmien San Martin jew għall-ħabta tal-Milied. Min kien ikun se jilgħab il-piżallu jibda billi jwaddab il-ġebliet mal-art, wara jaqbad waħda li jgħolliha u fl-istess ħin ikun irid jaqbad bl-istess id minn mal-art ġebla oħra, u jibqa' jgħolli l-ġebel b' kull darba jgħolli dik li jkollu f'idu. Jerġa' jagħmel l-istess proċess, biss din id-darba jkun irid jaqbad il-ġebel tnejn, tnejn u jerġa' jagħmel l-istess biex jaqbad l-erba' ġebliet li jkunu mal-art f'daqqa.

## Iċ-Ċippitatu

Dan kien ikun magħmul minna t-tfal minn biċċa kartuna iebsa ta' qisu daqs ħames ċentimetri tul u ta' forma ħeksagonali; tiġi mmarkata f'sitt porzjonijiet indaqs. Dawn kienu jiġu innumerati mill-wieħed sas-sitta, b'zokk ta' sulfarina fin-nofs. Kull tifel kien ipoġġi boċċa jew ġellewża u jagħżel numru. Jiddawwar iċ-ċippitatu u fuq dak in-numru li jistrieħ, jirbaħ kollox dak li jkun għażel dak in-numru.


Iċ-Ċippitatu

## Balla *Stop*

Grupp ta' tfal li jkollhom ballun, jaqtgħu t-tokk u min jiġi jħabbat il-ballun mal-ħajt fil-għoli u waqt li t-tfal kollha jaħarbu jiġru, dak li jħabbat il-ballun mal-ħajt meta jaqbdu, jgħajjat ***stop.*** It-tfal kollha kienu jridu jieqfu fejn ikunu. Dak li jkollu l-ballun f'idu jwaddbu lejn xi ħadd u jekk jolqtu, jkun imiss lil dan li jgħolli l-ballun mal-ħajt waqt li l-oħrajn jerġgħu jitilqu jiġru.

Melitensia

## Knejjes Żgħar

Meta konna tfal aħna, kienu ħafna dawk it-tfal subien li kien ikollhom rokna żgħira fid-dar fejn kont tarahom jarmaw altar żgħir tal-injam u jagħmlu bħal speċi ta' knisja żgħira. Kont trid tara l-altar armat b'sett gandlieri u salib kollha taċ-ċomb, fjuretti u ħwejjeġ oħra żgħar bħalma nsibu fil-knejjes. Kien hemm ukoll min kien ikollu xi statwa jew tnejn żgħar. Meta konna tfal, kważi kollha kemm aħna konna nġemmgħu u nilagħbu bis-santi.





## Iċ-Ċirku

Dan kien ikun xi rota ta' karozza tal-*Baby,* jew xi ċirku tal-metall li aħna t-tfal konna nsuquh b'biċċa fildiferru ftit ħoxna. Tarf minnha kienet tinżamm f'idejna u t-tarf l-ieħor f'għamla ta' ganċ kienet tmiss maċ-ċirku. Arana niġru u ntellqu waqt li nikkontrollaw iċ-ċirku aħna u nduru bih.

## It-Tiġieġa l-Għamja

F'din il-logħba kienu jieħdu sehem kemm subien kif ukoll bniet. Tingħażel it-tiġieġa l-għamja billi naqtgħu t-tokk; biex it-tiġieġa tiġi 'għamja' konna norbtu biċċa ċarruta nadifa madwar għajnejn min kien se jkun it-tiġieġa b'mod li ma jkun jista' jara xejn. It-tfal l-oħra kienu jduru madwaru waqt li hu jibda jiftaħ u jxejjer idejh lejn minn fejn ikunu ġejjin l-ilħna. Jekk jirnexxilu jmiss lil xi ħadd, dan imbagħad kien ikun hu li joqgħod it-tiġieġa l-għamja. U l-logħba tkompli.

## Tiġi Tiġi L-Mewt Għalik

Wieħed mit-tfal kien irid joqgħod bil-wieqfa wiċċu mal-ħajt, waqt li t-tfal l-oħra jkunu warajh. Xi ħadd minn dawn it-tfal jagħti daqqa ħafifa fuq dahar dak li jkun wiċċu mal-ħajt, waqt li l-oħrajn jibdew jgħidu: Tiġi, tiġi l-mewt għalik, biex taqlik, biex tixwik, biex tintiflek mustaċċik, din id-daqqa min tahielek? Dak idur u jiċċama wieħed mit-tfal. Jekk ikun hu li jkun tah id-daqqa, dan irid joqgħod hu wiċċu mal-ħajt. Jekk ma jkunx qata' min, kien ikollu jerġa' joqgħod hu.

## Kantunieri

Din il-logħba tintlagħab bejn ħamest itfal. Kienu jridu joqogħdu f'salib it-toroq fejn ikun hemm erba' kantunieri. It-tfal joqogħdu fin-nofs u jpoġġu jdejhom ponn, kollha fuq xulxin l-għaxar idejn. Wieħed minnhom jibda jgħajjat: "*Għasfur taċ-ċomb ma jtirx, għasfur tat-tafal ma jtirx*". Malli mbagħad jgħajjat "*għasfur tal-laħam itir*" it-tfal f'daqqa jaħarbu jiġru u kull wieħed imur imiss ma' kantuniera. Wieħed mit-tfal jibqa' barra għax ma jkunx laħaq kantuniera. It-tfal l-oħra jridu kull ħin jibdlu 'l xulxin u jiġru minn



Logħob bil-boċċi

kantuniera għal oħra. Dak li jkun fin-nofs irid jipprova, waqt li l-oħrajn qegħdin jibdlu lil xulxin, jilħaq qabel xi wieħed imiss il-kantuniera hu, b'hekk dak li jkun tilef postu jrid jipprova jerġa' jirbaħ kantuniera.

## Ċpajpella

Kull tifel li jkun ser jieħu sehem f'din il-logħba, jrid ikollu ċpajpella. Din tkun ġebla jew ċagħqa ftit tonda u ċatta. Xi ħmistax-il metru bogħod titpoġġa munita. Kull wieħed mit-tfal irid iwaddab iċ-ċpajpella tiegħu. Jibda dak li jkun ġie wara li jkunu qatgħu t-tokk u jkomplu wieħed wara l-ieħor jippruvaw joltqu l-munita. Wara li kulħadd ikun waddab iċ-ċpajpella tiegħu u ma jkun laqatha ħadd, imorru jaraw ta' min tkun l-eqreb lejn il-munita u ta' min tkun l-eqreb, jirbaħ.

## Tal-Borża

Għal din il-logħba m'hemmx numru stabilit ta' tfal li jkunu jistgħu jilagħbuha. Kull min ikun se jieħu sehem irid ipoġġi ġellewża jew boċċa ġol-borża. Din il-borża tkun f'idejn dak li jkun qed jorganizza din il-logħba. Jorbot il-borża bil-boċċi jew ġellewż ġo fiha b'ħabel irqiq, twil xi tliet metri, waqt li t-tfal li jkunu ser jieħdu sehem joqogħdu f'għamla ta' ċirku. Dak li jkollu l-borża f'idu joqgħod fin-nofs u jibda jdawwar il-borża bit-tarf tal-ħabel f'idejh. Xħin tkun għaddejja l-borża kważi tmiss mal-art, kull tifel irid jaqbeż il-borża hekk kif tkun għaddejja minn taħtu. Jekk il-borża tolqot sieq it-tifel, dak irid joħroġ mil-logħba. Dak li jibqa' l-aħħar mingħajr ma jolqtu l-ħabel jew il-borża, jirbaħ.

## Fart jew Kaxxa

Wara li mal-art ipinġu kaxxa, dawk li jkunu ser jieħdu sehem f'din il-logħba, jpoġġu ġol-kaxxa boċċa jew tnejn skont kemm ikun il-ftehim. L-istess bħal fil-logħob l-ieħor, jingħażel min jibda billi t-tfal jaqtgħu t-tokk; minn post li jkun xi tliet metri bogħod mill-kaxxa, it-tifel li jkun se jibda jwaddab il-bubun - boċċu ftit kbir - u jekk jolqot xi boċċi u dawk joħorġu mill-kaxxa joħodhom, għax ikun rebaħhom hu. Warajh ikomplu l-istess it-tfal l-oħra, wieħed wara l-ieħor, sakemm fil-kaxxa ma jkun baqa' xejn. Din il-logħba tibqa' tintlagħab sakemm iktar minn tifel wieħed kien jibqagħlhom il-boċċi x'jilagħbu! Il-boċċi kienu jinxtraw mit-tfal subien.

## Rounders

Din il-logħba għandha xebħ ma' dik tal-*BaseBall* Amerikan. Tintlagħab fil-beraħ, qisu għandek bitħa ta' għaxar metri kwadra u f'kull rokna titpoġġa ġebla. Ftit 'l isfel isir ċirku, fejn wieħed miż-żewġ timijiet ta' ħamest itfal kull tim, jibda hu li jwaddab il-ballun. Il-membri tat-tim l-ieħor, erba' minnhom imorru wara kull ġebla u l-ieħor joqgħod biswit iċ-ċirku fejn ikun hemm l-avversarji. Il-logħba tibda billi wieħed mit-tim li jkun hemm ġoċ-ċirku jgħolli l-ballun u bil-ponn u b'kemm ikollu saħħa jwaddab il-ballun 'il bogħod kemm jista' jkun, waqt li joħroġ jiġri u jrid jgħaddi minn fuq l-erba' ġebliet. Dak it-tifel li jkun wara waħda mill-ġebliet u l-ballun ikun ġie n-naħa tiegħu, jmur jiġri jaqbad il-ballun u jwaddbu lil sieħbu li jkun fin-nofs. Dan irid jidħol u jmiss il-ballun mal-art fiċ-ċirku. Jekk dak li jkun qed jiġri minn ġebla għal oħra jilħaq jidħol fiċ-ċirku qabel l-avversarju, it-tim tiegħu jkun rebaħ punt. Il-logħba tkompli billi t-tfal tat-tim kollu jridu jwaddbu l-ballun l-istess kif ikun għamel l-ewwel wieħed. Wara t-timijiet jibdlu l-pożizzjoni u t-tim li jkun tella' l-aktar punti, jirbaħ.

Melitensia

## Bum Bum Il-Bieb

Meta konna tfal din il-logħba kienet popolari u magħduda bħala sabiħa ħafna. Dan għaliex fiha jidħlu għad ta' tfal mhux ħażin, anke tfal żgħar ħafna. Dawk li jkunu se jieħdu sehem, jinqasmu f'żewġ gruppi u joqogħdu xi erba' metri bogħod u faċċata ta' xulxin. It-tfal ta' kull grupp jaqbdu id xulxin u waqt li t-tfal ta' grupp ta' naħa jibdew jimxu kollha flimkien lejn il-grupp l-ieħor jibdew ikantaw l-ewwel strofa u jerġgħu jmorru lura posthom. It-tfal tal-grupp l-ieħor issa jkun imiss lilhom li jagħmlu ftit passi 'l quddiem u lura waqt li jkanaw it-tieni strofa, kif ġej:





Bum Bum il-Bieb

Bum Bum il-Bieb, onġi onġi onġella,
Bum Bum il-Bieb, onġija Kavallier.
Min ġie, min ġie, min ġie? onġi onġi onġella
Min ġie, min ġie, min ġie? onġija Kavallier

Ġie l-Ambaxxatore, onġi, onġi onġella,
Ġie l-Ambaxxatore, onġija Kavallier.
Xi jrid l-Ambaxxatore? onġi, onġi onġella,
Xi jrid l-Ambaxxatore? onġija Kavallier.

Irid tifla sabiħa, onġi, onġi onġella,
Irid tifla sabiħa, onġija Kavallier.
X'se jtiha 'l din it-tifla? onġi, onġi onġella
X'se jtiha 'l din it-tifla? onġija Kavallier.

Wara jissemmew xi rigali sbieħ li (taparsi) jkun se jagħti lil din it-tifla, xi rigal ftit tad-daħk jissemma wkoll. Fl-aħħar tissemma it-tifla billi t-tfal kienu jkomplu jkantaw:

Din hija Marija ta' qalbna onġi, onġi onġella,
Din hija Marija ta' qalbna onġija Kavallier.
Ħuduha la triduha, għax aħna m'għandniex x'nambuha.
Ħuduha la triduha, għax aħna m'għandniex x'nambuha.

Hawn jiltaqgħu ż-żewġ gruppi, u wara li jkomplu jkantaw ilkoll flimkien, jgħaddu t-tifla lill-grupp l-ieħor. Imbagħad il-logħba terġa' tibda.

Fiż-żmien meta kont tfal jien, konna nilagħbu iktar logħob minn dawn li ktibt dwarhom illum. Iżda, naħseb li għal dis-sena dawn huma biżżejjed. Jekk Alla jrid, fil-ġejjieni jien jew xi ħadd ieħor għad niktbu u niddeskrivu iktar logħob tat-tfal minn żmien l-imgħoddi, meta konna nagħmlu użu minn l-iktar affarijiet żgħar li nsibu madwarna jew minn l-istess ambjent tagħna, bħalma huma t-toroq u l-ħitan, biex nieħdu pjaċir bit-tfulija u l-logħob.